**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 205/11VG**

**Raymond Cutajar**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Illum 4 ta' April 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Raymond Cutajar fis-6 ta' Settembru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka *in toto* d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fil-konfront tieghu, komunikata lilu b'avviz datat 23 ta' Awwissu 2011, u minflok jiddikjara li ma huwiex responsabbli ghan-nuqqasijiet imsemmija fl-istess decizjoni;

Ra d-dokument esebit mir-Rikorrent, ossia l-avviz ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datat 23 ta' Awwissu 2011, permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Settembru 2011 a fol. 5 u 6 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghall-appell tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-allegazzjonijiet u kosegwenti pretensjonijiet tieghu huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; u li (ii) id-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata. L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tosserva wkoll li skond il-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isimha huwa 'l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta' u mhux 'Transport Malta', kif imharrka mir-Rikorrent, u ghaldaqstant ghandha ssir id-debita korrezzjoni;

Ra li b'Digriet moghti fl-1 ta' Dicembru 2011 it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti fis-sens illi isem l-Awtorità Intimata jigi indikat bhala "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" minflok "Transport Authority";
Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Mejju 2012[1], tad-19 ta' Novembru 2012[2] u tas-16 ta' Marzu 2015[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu

[1] Fol. 25 sa' 28 tal-process.
[2] Fol. 37 u 38 tal-process.

markati Dok. "RC1" u Dok. "RC2" a fol. 32 sa' 36 tal-process, sema' x-xhieda ta' Aaron Cutajar moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012[4] u x-xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza ta' l-Employment Training Corporation moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JS1" u Dok. "JS2" a fol. 55 sa' 59 tal-process, sema' ix-xhieda ta' Lino Abela[6] u ta' Joseph Mifsud[7] entrambe in rapprezentanza ta' l-Awtorità Intimata moghtija waqt is-seudta tal-11 ta' Mejju 2015 u ra d-dokumenti esebiti minn Lino Abela markati Dok. "LA1" sa' Dok. "LA4" a fol. 69 sa' 72 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'avviz datat 23 ta' Awwissu 2011[8] ir-Rikorrent gie infurmat li *on the 22nd August 2011, Transport Malta Technical Unit Officers had carried out an on-site inspection in your VRT station. During the inspection it was noted that you were conducting VRT tests* [fuq il-vetturi bin-Numri ta' Registrazzjoni HBD-857 u HBD-116] *not according to the procedures as prescribed in the VRT manual. Your attention for these deficiency were drawn on site by the TM inspectors. The tests were being conducted by Mr Raymond Cutajar* [ossia r-Rikorrent stess] *Licence No. LTD/38/98/56 contracted operator. The following were not tested according to the prescribed procedures in the VRT manual. Vehicles not being lifted from their axles thus wheel bearings and ball joints were not being checked. No assistant tester in vehicle to assist checking brake hoses under pressure. Windscreen washers and wipers were not being checked. Please be informed that according the Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 regulation 21 item 7, you are therefore being penalized the total points of 20 points (Twenty) that are equivalent to €220.*

Ir-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata fil-konfront tieghu u jitlob li l-istess tigi mhassra u revokata *in toto* stante li: (i) *dwar l-ewwel nuqqas u cioè "Vehicles not being lifted from their axles thus wheel bearings and ball joints were not being checked" dan ma hux minnu. L-esponent ivverifika dawn il-partijiet tal-vettura u dan kif ser jirrizulta fil-kors ta' dan l-appell;* (ii) *dwar it-tieni allegat nuqqas "No assistant tester in vehicle to assist checking brake hose and pressure" lanqas dan ma hu minnu. L-impjegat li kellu mieghu kien appena ghadu kemm naqas milli jattendi ghax-xoghol. L-esponent bilfors kellu jdahhal lil haddiehor mieghu. Dan kien Aaron Cutajar. Ghalhekk l-esponent ma setax jaghmel l-impossibbli ghax ma kienx tort tieghu*; (iii) *in kwantu ghat-tielet allegat ksur, dan huwa assolutament ma hux minnu. Il-"washers" u "wind screen wipers" gew ikkontrollati*; u (iv) *fi kwalunkwe kaz irid ikun ippruvat ukoll li l-esponent mar kontra item tat-12-il Skeda ta' l-Avviz Legali. Haga li ma saritx*[9].

[3] Fol. 66 u 67 tal-process.
[4] Fol. 29 tal-process.
[5] Fol. 60 tal-process.
[6] Fol. 73 sa' 76 tal-process.
[7] Fol. 77 sa' 79 tal-process.
[8] Dok. "RC1" a fol. 6 tal-process.
[9] Rikors promotur, fol. 2 tal-process.

L-Awtorità Intimata tikkontesta l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni taghha fil-konfront tieghu u titlob li l-istess jigi michud stante li: (i) l-allegazzjonijiet u kosegwenti pretensjonijiet tieghu huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; u li (ii) id-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.

Qabel ma jittratta l-appell fil-meritu t-Tribunal josserva li fir-Risposta taghha l-Awtorità Intimata osservat li skond il-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, isimha huwa l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u mhux Transport Malta, kif imharrka mir-Rikorrent, u ghaldaqstant ghandha ssir id-debita korrezzjoni. Bhala fatt li korrezzjoni kemm fl-okkju tar-Rikors kif ukoll kull fejn mehtieg fl-atti tal-proceduri saret permezz ta' Digriet moghti fl-1 ta' Dicembru 2011[10], fejn appuntu t-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors u kull fejn mehtieg fil-proceduri fis-sens illi isem l-Awtorità Intimata jigi indikat bhala "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" minflok "Transport Authority". Ladarba din il-kwistjoni giet risolta permezz ta' l-imsemmi Digriet ma hemmx lok li t-Tribunal jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa li l-appell tar-Rikorrent jigi trattat fil-meritu.

Mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata johrog car li dak li qed jigi minnha ikkontestat lir-Rikorrent huwa **l-mod kif huwa esegwixxa l-VRT test** fuq il-vetturi bin-Numri ta' Registrazzjoni HBD-857 u HBD-116. In fatti l-vjolazzjoni kontemplata fl-Item 7 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008, li kienet is-sistema ta' punti ta' penali uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penali li ghandhom jinghataw ghal ksur ta' kundizzjonijiet ta' kuntratt ta' operatur applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami, tittratta dwar il-kaz fejn l-operatur jonqos milli jesegwixxi korrettement il-procedura tat-test kif stipulat fil-manual tal-VRT u l-emendi li jkunu saru ghalih jew li jirregistra *data* korretta tal-vettura kif stipulat fl-manual tal-VRT qabel ma jaghmel test ufficjali fuq dik il-vettur partikolari. Hija appuntu l-ewwel parti ta' l-Item 7 li hija rilevanti ghall-kaz in ezami.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk dak li jrid jiddetermina t-Tribunal huwa jekk ir-Rikorrent – operatur ta' Ray Cut VRT Station u fil-kaz in ezami wkoll it-tester li esegwixxa l-VRT test fuq il-vetturi bin-Numri ta' Registrazzjoni HBD-857 u HBD-116 – esegwiex il-VRT test fl-imsemmija zewg vetturi bil-mod **kif previst fil-Ligi**.

Mid-decizjoni jirrizulta li l-ewwel nuqqas ravvizat fil-mod kif gie esegwit il-VRT test fuq il-vetturi in kwistjoni huwa li ***vehicles not lifted from their axles thus wheel bearing and ball joints were not being checked***.

Ir-Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq, li jittratta dwar il-kundizzjonijiet ta' operatur taht kuntratt, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami, kien jipprovdi *inter alia* li: *(k) l-operatur ghandu josserva f'kull hin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jizguraw li dawn huma tajba ghat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorità* u *(m) l-operatur ghandu jzomm fil-post il-manwal jew manwali approvati w akkreditati dwar testijiet.* Ir-Regolament 14 ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, li jittratta dwar kundizzjonijiet ghal persuni licenzjati biex jittestjaw, kien fiz-zmien rilevanti

[10] Fol. 21 tal-process.

ghall-kaz in ezami jipprovdi *inter alia* li: *(f) il-persuna li tittestja ghandha tikkonsulta u timxi ma' standards stabbiliti fil-manwali approvati w akkreditati dwar testijiet.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog b'mod car li VRT test ma ghandux u ma jistax jigi esegwit skond kif jidhirlu l-operatur tal-VRT station u/jew il-VRT tester izda **ghandu** jigi esegwit kif provdut fil-manuali approvati w akkreditati dwar testijiet, liema manuali huma approvati mill-Awtorità Intimata stess.

Lino Abela[11], rapprezentant ta' l-Awtorità Intimata, esebixxa estratt mill-manual approvat mill-istess Awtorità in bazi ghal liema ghandhom jigu esegwiti il-VRT tests hawn Malta[12] u fir-rigward ta' *Front Suspension, Wheel Bearings and Drive Shafts* jipprovdi b'mod car li l-*method of inspection* ghal *suspension joints and wheel bearings (wheels jacked)* huwa ***jack up the front of the vehicle so that the front wheels are clear of the ground***[13]. Huwa evidenti ghalhekk li ai termini tal-Ligi biex jigu spezzjonati s-*suspension joints and wheel bearings* ta' vettura din **ghandha** tkun *jacked-up* minn quddiem u l-ebda metodu ta' spezzjoni iehor apparte dan ma huwa permissibbili. Fid-dawl ta' dan ghalhekk huwa ghal kollox inutili li r-Rikorrent jipprova jargumenta li ghad illi il-vetturi in kwistjoni ma gewx *jacked up* minn quddiem huwa xorta wahda ghamel l-ispezzjoni mehtiega ghaliex il-VRT station tieghu hija mghammra b'apparat deskritt minnu bhala *shaker blades*. Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kif jghid ir-Rikorrent, b'dan l-apparat minflok ma' l-vettura in kwistjoni tigi *jacked up* issir *simulation proprja li din qieghda tiehu skoss, dawn ghandhom sahha aktar minn bniedem*[14], jibqa' l-fatt li huwa esegwixxa VRT test fuq il-vetturi in kwistjoni mhux bil-procedura kontemplata fi u rikjesta mill-Ligi, bil-konsegwenza ghalhekk li l-Awtorità Intimata gustament f'tali cirkostanza sabitu responsabbli tal-vjolazzjoni ta' Item 7 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008.

Ghal kull buon fini t-Tribunal ihossu fid-dmir li josserva li ghalkemm ir-Rikorrent jishaq li l-VRT Station tieghu hija mghammra b'dan l-apparat minnu deskritt bhala *shaker blades*, id-dokumentazzjoni esebita minnu in sostenn ta' tali affermazzjoni huma biss stimi – ossia *quotations* ghall-apparat li kien intiz li jsir fil-VRT station tieghu – u mhux fatturi bir-ricevuta relattiva li juru b'mod cert u konklussiv li r-Rikorrent effettivament ghandu din il-bicca apparat partikolari fil-VRT station tieghu.

Nuqqas iehor ravvizat mill-Ispetturi ta' l-Awtorità Intimata li kienu fizikament prezenti fil-VRT Station tar-Rikorrent waqt l-esekuzzjoni tal-VRT tests fuq il-vetturi bin-Numri ta' Registrazzjoni HBD-857 u HBD-116, huwa li ***no assistant tester in vehicle to assist checking brake hoses under pressure***.

Ir-Rikorrent jishaq li l-*assistant tester* proprio tieghu kien tkecca mix-xoghol pratikament lejliet li kellhom jigu esegwiti l-VRT tests fuq l-imsemmija zewg vetturi u minhabba tali fatt huwa kellu jottjeni l-ghajnuna ghall-esekuzzjoni ta' dawn iz-

---

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, fol. 73 sa' 76 tal-process.
[12] Dok. "LA3" a fol. 71 tal-process.
[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012, fol. 25 sa' 28 tal-process.

zewg tests minghand in-neputi tieghu Aaron Cutajar[15]. Aaron Cutajar ikkonferma li f'gurnata partikolari fis-sajf, ghad illi ma setghax jiftakar il-gurnata ezatta, kellu jghin lir-Rikorrent zijuh gewwa l-VRT station tieghu u ftakar illi *li kien iqabbadni z-ziju kont naghmlu bhal per ezempju niccekkjaw il-horn u niccekjaw il-wipers. Nikkonferma li l-horn u l-wipers fuq il-vetturi in kwistjoni dakinhar konna iccekkjanihom*[16]. Ghalkemm ir-Rikorrent jenfasizza hafna fuq il-fatt li ghad illi l-*assistant tester* proprio tieghu kien tkecca ftit jiem qabel huwa xorta kellu persuna tassisstih waqt l-esekuzzjoni tal-VRT tests fuq dawn iz-zewg vetturi, stranament la hu u lanqas Aaron Cutajar ma jaghmlu l-ebda accenn ghan-nuqqas effettivament ravvizat mill-Ispetturi ta' l-Awtorità Intimata u cioè li *no assistant tester* ***in vehicle to assist checking brake hoses under pressure***[17].

Fir-rigward ta' dan in-nuqqas partikolari Lino Abela xehed li meta l-vetturi kienu fuq il-jack biex jigu spezzjonati l-*brakes, l-assistant tester ma kienx fil-karozza fuqha biex jaghfaslu l-brake halli jtella' s-sistema tal-hydraulic under pressure biex l-inspector ikun jista' jittestja minn taht jekk hemmx xi leakages jew deterioration fil-pajpijiet*[18]. Joseph Mifsud, l-Ispettur l-iehor ta' l-Awtorità Intimata li kien prezenti waqt il-VRT tests fuq iz-zewg vetturi in kwistjoni wkoll iddikjara li *l-vetturi ma gewx iggakkjati minn quddiem u waqt li kienu fuq il-jack ma kellhomx l-assistant tester fihom u l-windscreen washers u l-wipers ma kienux gew iccekkjati. … Waqt li tkun iggakkjata* [il-vettura] *wahda mill-iktar affarijiet impostanti hija li l-assistant tester jaghfas il-brake biex hekk jigu ccekkjati l-hoses under pressure ghax dawn jista' jew ikun hemm xi leakage li ma jkunx daqshekk kbir u allura biex johrog irid ikun under pressure u jista' jkun inqataghlhom is-support ta' gewwa u malli taghfas il-brake dawn jintefhu u wara xi ftit taz-zmien jistghu jinfaqghu wkol. … Ma jidhrux jekk ma taghmilx il-pressure fuqhom*[19].

Peress illi dak affermat mill-Ispetturi ta' l-Awtorità Intimata fir-rigward ta' l-ispezzjoni tal-*brakes* taz-zewg vetturi in kwistjoni ma gie bl-ebda mod kontradett mir-Rikorrent, it-Tribunal huwa konvint li l-affarijiet sehhew hekk affermat mill-Ispetturi ta' l-Awtorità Intimata u konsegwentement Huwa tal-fehma li f'din ic-cirkostanza wkoll l-Awtorità Intimata kienet korretta f'li ssib lir-Rikorrent responsabbli tal-vjolazzjoni ta' Item 7 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008.

It-tielet nuqqas ravvizat mill-Ispetturi ta' l-Awtorità Intimata vis-à-vis il-VRT tests esegwiti mir-Rikorrent fuq il-vetturi bin-Numri ta' Registrazzjoni HBD-857 u HBD-116 huwa li ***windscreen washers and wipers were not being checked***.

Entrambe l-Ispetturi ta' l-Awtorità Intimata li, jigi ribadit, kienu prezenti waqt l-esekuzzjoni tal-VRT tests fuq l-imsemmija zewg vetturi, ikkonfermaw li r-Rikorrent naqas milli jispezzjona l-*windscreen washers* u l-*wipers*[20]. Ir-Rikorrent da parte tieghu jichad li din l-ispezzjoni partikolari huwa ma ghamilhiex. Madanakollu però t-Tribunal ma huwiex affattu konvint mill-kredibilità u affidabilità tar-Rikorrent u

[15] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012, fol. 25 sa' 28 tal-process u waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2015, fol. 66 u 67 tal-process.
[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012, fol. 29 tal-process.
[17] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, fol. 73 sa' 76 tal-process.
[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, fol. 77 sa' 79 tal-process.
[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, fol. 73 sa' 76 tal-process u fol. 77 sa' 79 tal-process.

ghalhekk huwa iktar inklinat li jemmen il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-Ispetturi ta' l-Awtorità Intimata milli kif allegat mir-Rikorrent.

Ghaldaqstant f'din it-tielet cirkostanza wkoll it-Tribunal iqis li l-Awtorità Intimata kienet korretta f'li ssib lir-Rikorrent responsabbli tal-vjolazzjoni ta' Item 7 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-aggravji fuq liema ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata komunikata lilu b'avviz datat 23 ta' Awwissu 2011, ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li l-istess jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata komunikata lilu b'avviz datat 23 ta' Awwissu 2011 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija decizjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**